# Ċ 5.1 NIĊĊELEBRAW



**Ċ5.1.4.**
Nidentifikaw u nesploraw ir-raġunijiet għala jsiru ċ-ċelebrazzjonijiet prinċipali fil-komunità tagħna.

**A. Liema taħseb hija l-ikbar festa li tagħmel il-komunità fejn toqgħod? Agħżel minn dawn li ġejjin.**

1. il-festa tar-rebbiegħa
2. il-festa tal-patata
3. il-festa tal-qaddis patrun
4. il-festa tal-frott

**B. Ħares sew lejn dan ir-ritratt. Iddiskuti.**

1. X'atmosfera qed tara f'dan ir-ritratt?
2. Intom x'festa tiċċelebraw fil-belt jew raħal tiegħek?
3. Meta tiċċelebraw il-festa? Xi staġun ikun?
4. X' attivitiajiet torganizzaw fil-belt jew raħal tiegħek matul il-ġranet tal-festa?



**Ċ. Il-festa tar-raħal hija ċelebrazzjoni li ssir kważi f'kull belt u raħal Malti u Għawdxi.**

Ikteb l-isem ta' dak li qed tara fl-istampa. Agħżel minn dawn:

**pavaljun  bandalora  statwa  banda  tal-qubbajd  planċier**













## D. Aqta' sing taħt it-tajbin.



1. L-attivitajiet biex jitfakkar Jum ir-Raħal, ġew organizzati
   a) mill-Iscouts.
   b) mill-kunsill lokali.
   ċ) mit-tfal.

2. L-iskop prinċipali tal-attivitajiet biex jitfakkar Jum ir-Raħal kien
   a) li nixorbu iktar inbid.
   b) li jkollna vaganza mix-xogħol.
   ċ) li n-nies tal-lokalità jħobbu iktar l-identità tal-lokalità fejn joqogħdu.

3. Sfortunatament, fil-festa tal-qaddis patrun
   a) jifraħ kulħadd.
   b) ġieli jkun hemm il-piki bejn il-każini.
   ċ) ir-raħal jiżżejjen mill-aħjar u mill-isbaħ.

4. Għall-festa tal-qaddis patrun, bosta nies
   a) jersqu iktar lejn il-knisja.
   b) joqogħdu ġewwa.
   ċ) jiddejqu.

5. Il-purċissjoni bl-istatwa tal-qaddis patrun issir fl-okkażjoni tà
   a) Jum ir-raħal.
   b) Jum ir-rebbiegħa.
   ċ) Jum il-Festa tar-Raħal.

6. Ħafna mill-festi li jsiru barra fl-okkażjoni tal-festa tal-qaddis patrun, jiġu organizzati
   a) mill-abbatini.
   b) mill-każini tal-baned.
   ċ) mill-kunsilliera tal-kunsill lokali.